MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Appell Civili Numru. 15/2007

**Edmond Barbara**

**vs**

**Issa Isslam Tawfik Issa**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Mejju, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fid-19 ta' Settembru 2005 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' hames mitt Liri Maltin (Lm500) rapprezentanti hlas illi kien sar ghal xoghol ta' kisi liema xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

L-intimat ipprezenta risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkonsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti qabbad lill-intimat sabiex jaghmillu xoghol ta' tbaqqin u kisi bil-gibs fuq hitan ta' maisonette liema xoghol ma kienx qieghed isir skond is-sengha u l-arti.

L-intimat issottometta illi hu kien ghamel ix-xoghol skond kif titlob is-sengha.

It-Tribunal jinnota illi r-rikorrenti ghandu konoxxenza adegwata f' dan it-tip ta' xoghol u anke ta lill-intimat l-opportunita` li jikkorregi dak ix-xoghol illi kien diga sar u jesegwih skond kif titlob is-sengha u l-arti.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas is-somma ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400) bl-ispejjez kontra l-istess intimat."

L-Appell ta' Issa Isslam Tawfik Issa kontra din is-sentenza huwa fis-sens infraskritt:-

(1) Is-sentenza hi zbaljata fl-okkju taghha ghaliex il-kawza, kif promossa, ma kienetx fil-konfront tieghu izda kontra s-socjeta` "David Isaac Ltd";

(2) In-natura teknika tal-materja in meritu kienet tissuggerixxi li jitqabbad espert u mhux sempliciment li t-Tribunal jikkontenta ruhu "illi r-rikorrenti ghandu konoxxenza adegwata f' dan it-tip ta' xoghol";

L-atti quddiem it-Tribunal adit juru illi l-Avviz promotur inhareg *di fronte* ghas-socjeta` "David Isaac Ltd". Hekk ukoll kien identifikat fuq l-Avviz ta' Seduta (fol. 16) mahrug mir-Registru tat-Tribunal. Gara illi fir-risposta tieghu l-appellanti minflok ma zamm fidil ma' l-okkju ta' l-Avvizi msemmija indika lilu personalment bhala l-parti mharrek fil-gudizzju. Mill-uniku verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 2007 (fol. 11) jirrizulta li r-rikorrenti talab korrezzjoni fl-isem ta' l-intimat b' dan ta' l-ahhar accetta biex il-kawza setghet titkompla. Huwa presumibbli illi din il-korrezzjoni ma ntalbetx biex tissostitwixxi s-socjeta` mharrka, imma biex tikkoregi l-izball raffigurat fuq il-busta li biha inhareg u gie notifikat l-appellanti bl-Avviz tas-Seduta indikanti l-isem ta' l-istess appellanti bhala "<u>Issa Isslam Isaac Issa</u>" minflok "<u>Issa Isslam Tawfik Issa</u>". Ara "Advice of receipt" spedit lit-Tribunal mill-Maltapost a fol. 15. Li dan hu dak li sehh f' dik is-seduta, huwa estratt mill-fatt illi t-Tribunal fl-ebda moment ma ddekreta l-approvazzjoni tieghu ghall-korrezzjoni tal-parti citata minn kif identifikata bl-att introduttiv tal-kawza. Ghallanqas, ma jirrizultax mill-verbal tal-kawza li sar hekk;

Kif kellha okkazjoni tosserva recentement hafna din il-Qorti "l-ommessa jew inezatta indikazzjoni tal-partijiet jew ta' whud minnhom tipproduci nullita tas-sentenza nnifsiha in kwantu turi li l-kontradittorju mhux regolarment kostitwit, jew ghallanqas tingenera incertezza dwar is-suggetti in kawza ghal liema d-decizjoni tirreferi" ("**Dylan Mallia -vs- Bargain Holidays**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi, 31 ta' Ottubru 2007). F' dak il-kaz si trattava ta' ommissjoni tal-kjamati in kawza fl-okkju tas-sentenza. Hawnhekk, invece, tezisti qaghda fejn isem l-intimat hu ghal kollox differenti minn dak tas-socjeta` li fil-konfront taghha gew inizzjati l-proceduri. Kif pacifikament ritenut, "dan huwa zball ta' sustanza billi hu bl-okkju tad-decizjoni li l-partijiet jigu effettivament identifikati" ("**Louise Ann Sultana -vs- Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u l-Awtorita` ta' l-Ippjanar**", Appell, 14 ta' April, 1997). U ladarba dan hu hekk, "sentenza li fiha l-indikazzjoni ta' isem ta' wahda mill-partijiet zbaljata fl-

identita ta’ dik il-persuna indikata hazin, hi nulla” (**Kollez. Vol. XXXVI P I p 200** u **Vol. XLI P II p 1055**);

Ghar-rigward tal-procedura li trid tigi adottata ghal kaz bhal prezenti, il-ligi ma ssemmi xejn espressament. Hemm sentenzi li jsostnu li t-talba ghall-korrezzjoni ta’ din ix-xorta trid issir permezz ta’ procedura separata (ara **Kollez. Vol. XXXV P I p** 247), anke quddiem tribunal distint minn dak li ppronunzja s-sentenza fil-kaz ta’ decizjonijiet minn certi bordijiet u tribunali. Ohrajn, permezz ta’ talba separata quddiem l-istess tribunal aggudikanti (ara **Kollez. Vol. XLIV P I p 251**). Ohrajn ukoll b’ semplici rimessa mill-Qorti ta’ l-Appell lill-istess tribunal adit fil-prim’ istanza (ara “**Joseph Sant -vs- Kummissarju ghal Kontroll ta’ Zvilupp**”, Appell, 23 ta’ April 2001). L-uniku punt ta’ riferenza maqbul f’ dawn id-decizjonijiet kollha hu dak illi l-Qorti ta' l-Appell, lanqas fl-istat attwali tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fl-Artikolu 175 (2), ma ghandha l-poter li tikkorregi zbalji fl-iskritturi ta’ l-ewwel tribunal, in kwantu “l-awtorita` korrettiva ta’ din il-Qorti ma testendix ruhha sas-sentenza li tkun appellata quddiemha” (“**Joseph Busuttil -vs- Avukat Dottor John Mamo *nomine***”, Appell, 28 ta’ Frar, 1997);

Dan premess, il-Qorti hi konxja mill-fatt illi l-ligi kostitwenti (Kapitolu 378), a differenza ta’ certi ligijiet ohra (ad ezempju, Kapitolu 69 u Kapitolu 199), ma jidherx li takkorda lit-Tribunal, krejat tahtha, bis-setgha ta’ l-ezekuzzjoni tad-decizonijiet tieghu [ara Artikolu 25 (3) ta’ l-Att XXVIII ta’ l-1994]. Ciononostante, din il-Qorti ma tarax li tezisti raguni serja u konvincenti ghalbiex ma ghandhiex hi stess direttament taghmel ir-rimessa ta’ l-atti lit-Tribunal ghall-iskop tal-korrezzjoni okkorrenti, meta dan hu hekk processwalment lilha suggerit ghal fini li jigu evitati proceduri u gudizzji separati, b’ hela ta’ zmien u energija, u bi spiza zejda ghall-partijiet. Wara kollox, anke jekk din it-tip ta’ korrezzjoni mhix annoverata fost il-korrezzjonijiet elenkati fl-Artikolu 825 tal-Kapitolu 12 ghal zbalji materjali jew ta’ kalkolu, wiehed jistenna li, bhal fil-

kaz ta’ dawn, tibqa’ dejjem l-istess qorti jew tribunal li ghandu jkollhom il-fakolta` li jikkoregu l-atti taghhom stess, u mhux xi qorti jew tribunal separata u bi procedura fuq talba *ad hoc* mill-partijiet;

Maghmula din ir-riflessjoni, din il-Qorti tara li jaghmel aktar sens illi, attiza n-nullita` tas-sentenza, l-atti jigu rimandati lura lit-Tribunal adit biex dan jirregola ruhu skond il-konsiderazzjonijiet hawn maghmula. Raggunta din il-konkluzjoni, mhux il-kaz li din il-Qorti tokkupa ruhha mit-tieni aggravju, ankorke, kieku ma kienx ghall-akkoljiment ta’ l-aggravju l-iehor, kien certament jimmerita l-attenzjoni shiha tal-Qorti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel aggravju ta’ l-appellanti u b’ hekk tannulla s-sentenza appellata. Tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi sabiex dan jiddeciedi l-kawza fl-ambitu tal-konsiderazzjonijiet maghmula u tal-ligi. L-ispejjez, fic-cirkustanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------